MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 547/2001/1

Avviz Nru:-547/01DM

Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company  kif surrogata fid-drittijiet ta' Saviour Falzon, u Saviour Falzon

Vs

Michelle Gauci

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma komplessiva ta' erba' mija  u tmenin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm480.60) in linea ta' danni mill-konvenuta kagunati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara f'Rue d'Argens, Gzira fis-7 ta' Settembru 2000 meta il-konvenuta kienet qed issuq il-vettura Nru DAT 598 baqat diehla gol-vettura Nru IAU 431 proprjeta ta' Saviour Falzon prevja d-dikjarazzjoni li ghal

dan l-incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Michelle Gauci fejn eccepiet illi:

1 Hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz fuq citat, stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura IAU 431 minhabba negligenza da parti biss ta' dan is-sewwieq ta' IAU 431;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-4 t' April 2002 fejn d-difensur tal-konvenuta ddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontendenti jaqblu dwar il-fatti li taw lok ghall-kollizjoni in kwistjoni. Infatti jirrizulta illi l-konvenuta Gauci riedet taqsam il-karregjata li kien qed isuq fiha l-attur, u billi f'din il-karregjata ta' l-attur kien hemm zewg linji ta' vetturi li qed jipprocedu fl-istess direzzjoni, meta linja wahda ta' vetturi, fuq il-lemin tal-kareggjata uzata mill-attur, cediet u tat l-opportunita' lill-konvenuta biex taqsam, din ipprocediet biex taqsam izda l-attur, li kien gej fuq ix-

xellug tat-traffiku li kien wieqaf,  ma ndunax illi din ser taqsam il-karregjata tieghu u b'hekk sar l-iskontru bejn il-vetturi.

Evidentement l-obbligu principali ta' esplorazzjoni u kawtela jinkombi fuq il-konvenuta illi riedet taqsam traffiku miexi ghad-dritt fuq zewg karregjati, u biex taghmel dik il-manuvra kienet tiddependi mhux biss li jcedilha t-traffiku miexi fuq in-naha tal-lemin tal-karregjata izda anke t-traffiku li kien seta' gej fuq in-naha tax-xellug ta' l-istess karregjata ghad-dritt.

Ghalhekk l-esplorazzjoni rikjesta mill-konventa kienet tirrigwarda effettivament zewg karregjati u mhux karregjata tat-traffiku wahda. Ghalhekk il-konvenuta ma setghetx tistrieh biss fuq il-fatt illi vettura wahda cedietilha biex taqsam. Hija riedet ukoll taccerta ruhha illi ma kien hemm ebda vettura ohra li setghet kienet qed tuza dik il-karregjata u li setghet tigi ostakolata bil-manuvra taghha.

Ghaldaqstant, billi l-attur kien qed juza l-karreggjata tieghu fil-hin li qasmet il-konvenuta u gie ostakolat minnha, r-responsabbilta' tal-konvenuta hija ampjament stabbilita'.

Pero' jrid jigi kkunsidrat ukoll jekk l-attur Saviour Falzon, li jidher li ma kellux traffiku quddiemu salv il-vettura wieqfa li kienet qed tippermetti l-manuvra tal-konvenuta u b'vizwali ampja tad-dintorni, kellux b'iktar attenzjoni jinduna bil-konvenuta li riedet taqsam il-karregjata tieghu.

Il-konvenuta ssostni illi hija kienet qed issegwi vetturi ohra li kienu qeghdin jaqsmu l-karregjata tal-attur, u ghalhekk, b'dan il-fatt u bil-vettura wieqfa hdejh, l-attur Falzon kellu wkoll indikazzjonijiet bizzejjed biex jigbdulhu l-attenzjoni tieghu illi l-karregjata tieghu kienet ser tigi ostakolata minn dan it-traffiku li kien qieghed jaqsamha.

Ghaldaqstant, anke l-attur, li nonostante li huwa l-'main road user' ghandu l-obbligu li jzomm dejjem 'a proper look out', ghandu responsabbilta' ghal din il-kollizjoni izda fi grad inqas minn dak tal-konvenuta.

F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti taqsam r-responsabbilta’ bejn il-kontendenti fi grad ta’ terz lill-attur Saviour Falzon u zewg terzi lill-konvenuta.

Ghaldaqstant, il-konvenuta hija tenuta li thallas lill-atturi zewg terzi mid-danni pprovokati mill-kollizjoni in kwistjoni, u billi dawn id-danni gew accettati li komplessivament kienu jammontaw ghas-somma ta’ erba’ mija u tmenin lira u sittin centezmu (Lm480.60) il-konvenuta hija obbligata li thallas lill-atturi zewg terzi minnhom ossija somma ta’ tlett mija u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm320.40).

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikjara li l-konvenuta ghandha responsabilita’ ghall-kollizzjoni ‘de quo’ fi grad ta zewg terzi u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-atturi zewg terz (2/3) tal-quantum tad-danni rizultanti fis-somma ta’ tlett mija u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm320.40). Bl-imghax legali b’effett minn l-1 ta’ Gunju, 2001.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal terz (1/3)mill-atturi u zewg terzi (2/3) mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------